# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima**

**Appell Numru: 458/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Herman Mula)

vs

**Jonathan Bonello**

iben Anthony, imwieled Pieta', fis-26 ta' Settembru, 1979, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 463079(M)

Illum, 03 ta' Mejju 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Jonathan Bonello quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, nhar is-26 ta' Dicembru 2011, kif ukoll fil-gimghat ta' qabel din id-data:

1) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN.292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Akkuzat ukoll talli huwa recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 26 ta' Gunju 2007 (Onor. Imhallef Joseph Galea Debono), sentenza li saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-31 ta' Ottubru, 2014 fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939 u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet (ossia l-addebitu tar-recidiva) migjuba fil-konfront tieghu, fil-waqt illi ma sabitux hati tat-tieni imputazzjoni u lliberatu minnha u kkundannatu ghall-piena ta' **tmintax-il (18) xahar prigunerija effettiva** – li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni biss mar-reati li hawn instab hati taghhom u **multa ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500)**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mija u hamsin Euro (€150). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Il-Qorti ordnat lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, hlief ghall-ispejjez konnessi mat-tieni relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud (Dokument MM2), liema relazzjoni giet redatta in konnessjoni mat-tieni imputazzjoni li minnha l-imputat qed jigi illiberat u ghaldaqstant, qeghda

tordna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez konnessi mal-ewwel relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud (Dokument MM1) fis-somma ta' seba' mija, tnejn u erbghin Euro u ghoxrin centezmu (€742.20), l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officers* ammontanti ghas-somma ta' mija u tmintax-il Euro u disa' centezmi (€118.09) u l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert tekniku Dr. Steven Farrugia Sacco, ammontanti ghas-somma ta' disa' mija, erbgha u sebghin Euro u erba' centezmi (€974.04), ammontanti dawn l-ispejjez ghal total ta' elf, tminn mija, erbgha u tletin Euro u tlieta u tletin centezmu (€1,834.33). Dawn l-ispejjez ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien sena mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Finalment il-Qorti ordnat d-distruzzjoni tad-droga u tal-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, kif ukoll tal-karta ta' €50 falza li giet esebita bhala parti minn Dokument HM3, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Ordnat wkoll ir-rilaxx tar-rimanenti somma flus (bl-eskluzjoni tal-karta ta' €50 falza) li wkoll giet esebita bhala Dokument HM3, favur l-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellant Jonathan Bonello minnu pprezentat fit-12 ta' Dicembru, 2014 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tvarja is-sentenza billi, filwaqt li tikonfermha f'dik il-parti fejn l-esponent gie misjub mhux hati tat-tieni imputazzjoni thassar u tirrevoka l-istess sentenza f'dik il-parti fejn l-esponent gie misjub hati tal-ewwel imputazzjoni u minflok issibu hati ta' pussess minghajr l-aggravju addebitat u f'kaz li ma tilqax l-aggravju dwar il-mertu tvarja s-sentenza appellata f'dik il-parti li tirrigwarda l-piena.

Rat it-talba maghmula mill-appellant fis-seduta tat-08 ta' Marzu 2018 sabiex din il-Qorti fit-termini tal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga, kif ukoll id-digriet taghha tal-istess jum fejn giet milqugha t-talba tad-difiza sabiex tressaq provi f'dan ir-rigward.

Rat il-verbal tas-seduta tal-01 ta' Marzu 2019 fejn l-appellant iddikjara li qed jistrieh fuq il-provi li hemm fl-atti fir-rigward tat-talba imressqa minnu.

Semghet ix-xiehda tal-appellant limitatament fir-rigward tar-rekwiziti imposti fil-ligi fl-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi l-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta jistabbilixxi essenzjalment hames rekwiziti ghalbiex persuna li tkun mixlija b'reat tista tkun elegibbli sabiex tigi Pprocessata minn Qorti dwar id-Droga.

1. il-persuna akkuzata trid tkun mixlija b'reat kontra l-ligijiet dwar id-droga.
2. l-ammont ta' droga mertu tal-kaz ma jkunx jeccedi dak indikat fil-linja gwida li tinsab fir-Raba Skeda ghal Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u li r-reat ma jkunx igorr mieghu piena li teccedi is-seba' snin prigunerija.
3. ir-reat huwa attribwibbli sostanzjalment ghad-dipendenza tal-persuna akkuzata fuq id-droga u allura irid jigi stabbilit illi fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat kienet tezisti din id-dipendenza.
4. jekk ir-reat ikun wiehed taht xi ligi ohra u mhux dik dwar id-droga, dan ma ikunx reat volontarju kontra l-persuna jew inkella li r-reat ma jkunx gie imwettaq bl-uzu ta' armi regolari jew splussiv, u
5. irid jigi ippruvat illi jezistu ragunijiet oggettivi li jindikaw li l-persuna akkuzata x'aktarx tigi rijabilitata mid-dipendenza taghha fuq id-droga jew li ghamlet progress jew sforz sostanzjali biex tinheles minn din id-dipendenza.

L-appellant jishaq illi dawn ir-rekwiziti kollha jinsabu riflessi fl-atti processwali u l-provi hemmhekk ikkumpilati, bl-Avukat Generali izda jishaq illi l-ahhar rekwizit ma huwiex ippruvat

sabiex b'hekk din il-Qorti ma tistax tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga. Jishaq illi l-ahhar prova li hemm fl-atti dwar il-progress li ghamel l-appellant sabiex jeghleb il-vizzju tieghu tirrisali ghas-sena 2014, bil-prova dwar l-progress tieghu sal-lum il-gurnata tinsab allura nieqsa.

Illi madanakollu l-appellant jixhed fis-seduta tal-01 ta' Marzu 2019 fejn jispjega illi illum il-gurnata huwa ghamel progress sostanzjali fil-hajja tieghu, jinsab hieles mid-dipendenza tieghu fuq id-droga, ghandu familja, impjieg fiss u hajja stabbli. Fil-fatt r-reat li dwaru l-appellant jinsab mixli jirrisali ghas-sena 2011 meta kif johrog mill-atti processwali huwa kien dipendenti fuq id-droga erojina tant illi mill-fedina penali tieghu jirrizulta illi kellu kundanni li jirrisalu ghas-sena 1998. Illi anke matul l-*iter* processwali f'dan il-kaz jirrizulta illi l-Ewwel Qorti ghamlet l-almu taghha biex tipprova tghin lill-appellant johrog mill-vizzju tad-droga tant illi anke fl-ghoti tal-helsien mill-arrest giet imposta fuqu l-kundizzjoni li huwa isegwi programm ta' rijabilitazzjoni mil-vizzju tad-droga.

Illi matul il-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti gie imhejji *social enquiry report* mill-Ufficjal tal-Probation Maryanne Zammit li ghalkemm jirrisali ghas-sena 2013, madanakollu jaghti stampa tal-hajja mifnija bil-vizzju ta' droga li ghex l-appellant u tal-ghajnuna li kien qed ifittex biex jeghleb dan il-vizzju qerriedi. Tghid hekk l-ufficjal Zammit:

> "Minhabba fil-problema tad-droga l-imsemmi fittex li jaghmel kuntatt mal-agenzija Caritas u fejn ghadu jattendi sal-lum. Huwa segwa program residenzjali kontra l-vizzju tad-droga gewwa San Blas. Informazzjoni moghtija mill-Caritas hija wahda pozittiva fil-konfront tal-imsemmi, fejn kemm il-darba l-andament tieghu jibqa' wiehed tajjeb, hu mistenni jigradwa s-sena d-diehla. Dan kollu juri l-element ta' progress, fejn jidher bic-car li l-imsemmi qieghed jahdem biex jindirizza din il-problema tal-abbuz tad-droga."

Illi kif inghad mix-xiehda tal-appellant jidher illi dan il-progress baqa' isir tant illi jishaq illi illum hieles mill-problema tal-vizzju tad-droga.

Illi fir-rigward tal-ammont ta' droga mertu ta' dan il-kaz hemm qbil bejn id-difiza u l-Avukat Generali illi l-ammont kien konsistenti f'66.49 grammi erojina, liema ammont allura jaqa' taht l-ammont ta' 100 gramma stabbilit fir-Raba Skeda ghal Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lanqas ma jirrizulta illi tezisti ebda wahda mic-cirkostanzi ravvizati fl-artikolu 13 tal-Kapitolu 537 li iwasslu ghall-eskluzjoni mill-applikabbilita' tal-Att favur l-appellant.

Ghaldaqstant, peress illi f'dan l-istadju il-Qorti tinsab sodisfatta illi l-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 8(1) u (2) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta jissussistu, qed tilqa' t-talba tad-difiza u qed tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u tirreferi lill-appellant quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-istess Kapitolu 537.

Tordna komunika ta' dan id-digriet lill-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

(FT) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur